MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 205/2003

**Emanuel Xuereb**

**vs**

**Joseph sive Joe Scicluna**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat id-9 ta' April tas-sena 2003 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun kkundannat:**

**1. Illi jhallas lill-attur is-somma ta' tliet elef Lira Maltija (LM3,000.00,0) lilu mislufa 'brevi manu';**

**2. Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-ittra interpellatorja datata 18 ta' Frar, tas-sena 2003 u tal-ittra ufficcjali tat-23 ta' Ottubru, tas-sena 2002 u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-30 ta' April tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess attur stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan peress illi l-ammont pretiz mhux dovut, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri datata s-26 ta' Settembru tas-sena 2003 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talba tal-attur hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156 (e) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet kemm fuq l-eccezzjoni ulterjuri kif ukoll dik finali;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi peress li l-partijiet involuti kienu akkomunati b'interess komuni dawn eventwalment saru hbieb;**

**2. Illi gurnata minnhom il-konvenut nforma lill-attur li kellu bzonn tlett elef Lira Maltin, (LM3,000.00,0);**

**3. Illi l-attur informah li kien dispost li jghinu u jaghtih l-ammont fuq indikata "…a bazi ta' rgulija", (ara fol 10);**

**4. Illi wara li l-attur ddiskuta l-kwistjoni ma' martu, ghadda l-ammont mitlub lill-konvenut permezz ta' "cheque" personali;**

**5. Illi wara li ghadda perjodu konsiderevoli ta' zmien l-attur talab li jkun rimborsat izda inutilment;**

**6. Illi ghalhekk ittiehdet din il-procedura;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni kwinkwennali;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi jirrizulta li ghalkemm il-konvenut ippromwova l-eccezzjoni preliminari tieghu pero' naqas li jipprezenta xi tip ta' prova oggettiva fir-rigward;**

**Illi kull ma jirrizulta hu li l-attur ghandu x'jifhem li s-self in dizamina sehh madwar hames (5) snin ilu, (ara fol 10);**

**Illi inoltre jirrizulta li l-ittra ufficjali ta' l-attur giet ipprezentata f'Ottubru tas-sena 2002 u notifikata fl-istess xahar;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi apparti l-principju li min jallega jrid jipprova, din il-qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appelli Kummercjali fl-ismijiet Calleja vs Vella datata l-15 ta' Gunju ta' l-1964, Vol. XLIII; P.I. Sez. II, p.603), sollevata mill-abbli rapprezentant legali ta' l-attur, fejn gie sintetikament ritenut is-segwenti:**

***"Meta tigi eccepita l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali imiss lill-konvenut li jipprova li l-hames snin kienu ghalqu";***

**Illi l-provi fir-rigward huma fl-ahjar ipotesi incerti u din il-qorti ma tista' bl-ebda mod tistrieh fuqhom;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi fuq il-meritu din il-qorti hi sodisfatta li l-konvenut ha l-ammont mertu ta' din il-procedura kif fuq intqal u li ghadu ma raddux lura kif minnu mitlub;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha, anke dawk ulterjuri tal-konvenut, takkolji t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut Joseph sive Joe Scicluna biex ihallas lill-attur Emanuel Xuereb l-ammont ta' tlett elef Lira Maltin, (LM3,000.00,0) lilu mislufa "brevi manu", bl-ispejjez.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------